MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2008

Numru 505/2008

**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**
**DR ANTHONY J VELLA BA, LL.D, MA**

**ILLUM 13 TA' GUNJU 2008**

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR NIKOLAI SANT**

**KONTRA**

**IVAN AZZOPARDI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Ivan Azzopardi ta' 46 sena, bin Nicholas u Carmen nee' Falzon, imwieled Floriana, nhar t-30 ta' Ottubru 1961, u residenti fil- fond 'Fredmar Stoneybrook', Triq Gdida fi Triq il- Harruba, Iklin detentur ta' Karta tal-Identita' bin-numru 702761(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli:

1. Attakka jew irrezista bi vjolenza lil gwardjan lokali G245 Carlo Monolito Sultana;

2. Hedded bi kliem lill- istess Carlo Monolito Sultana;

3. Volontarjament kiser il- bon ordni u l- paci pubblika b'ghajjat u glied.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat li l-imputat irregistra ammissjoni ghal dawn l-imputazzjonijiet kollha fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, wara li nghata zmien xieraq mill-Qorti skond il-ligi sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu.

Rat illi dawn l-imputazzjonijiet igibu maghhom piena massima ta' sitt (6) xhur prigunerija, u ghalhekk din il-kawza taqa' taht il-kompetenza ordinarja tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Semghet lill-partijiet jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom dwar ic-cirkostanzi partikolari ghall-ahhar ta' dan il-kaz, u jittrattaw dwar il-piena;

**Ikkunsidrat:**

Huwa pacifiku bejn il-partijiet li l-incident mertu tal-kaz in esami eskala xi ftit jew wisq lil hinn mil-proporzjon, u ghalkemm l-imputazzjoni kontra l-imputat hija wahda serja, madankollu hemm qbil li ghandu jkun hemm mitigazzjoni konsiderevoli fil-piena. Dan apparti l-fatt m’hux kontestat li l-imputat skuza ruhu ghall-incident, u hu ikkowopera bis-shih mal-pulizija, l-istorja kollha kienet aktar frott ta’ malintiz bejn l-imputat u l-Gwardjan in kwistjoni milli xi reazzjoni vjolenti tal-imputat kontra awtorita’.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat  l-Artikolu 19 tal-Kap 389 tal-Ligijiet ta’ Malta, u l-Artikoli 339(1)(e) u 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fuq ammissjoni din il- qorti qed issib lil imsemmi imputat Ivan Azzopardi hati u ghal daqstant tillibera lill- imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien 3 xhur ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kaptiolu 446 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta din is-sentenza lill-imputat.

DR ANTHONY J VELLA BA, LL.D, MA
MAGISTRAT

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------